MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1214/2009

**Illum 11 ta` Dicembru 2014**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**GAETANO FARRUGIA**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Gaetano Farrugia, iben Aronne u Antoinette nee' Brimmer, imwieled fl-14 ta'Ottubru 1977, fil-Pieta`, residenti St. Mary, Dawret in-Nizla ta' San Pawl, Zebbug detentur tal-karta tal-identita` 555577(M),** gie akkuzat talli:

1. Fil-11 ta' Novembru 2009 u fil-granet ta' qabel, bil-hsieb li taghmel qliegh b'qerq li jeccedi l-Elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2,329.37c), ghad-dannu ta' Citadel Insurance Plc, urejt dan il-hsieb b'atti esterni u tajt bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt, li ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghek;

2. Akkuzat ukoll talli fil-11 ta' Novembru 2009 u fil-granet ta' qabel, bi hsieb li tikseb ghalik innifsek jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta kontra r-riskji jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistruggejt, xerridt l'hawn u l'hemm jew gharraqt b'xi mezz li jkun, hwejjeg tieghek;

3. Kif ukoll akkuzat talli fil-11 ta' Novembru 2009 u fil-granet ta' qabel, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub minn xi Awtorita` Pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tajt taghrif falz;

4. Akkuzat ukoll talli fis-17 ta' Novembru 2009 tajt xhieda falza fi proceduri Kriminali sew kontra jew favur il-persuna akkuzata.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali, li jinsab *a folio* 12, sabiex din il-kawza tinstema u tigi deciza bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda moghtija fuq il-pedana tax-xhieda quddiem il-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi in succinct il-fatti ta` dan il-kaz huma s-segwenti.

Illi fid-disa (09) ta’ Novembru 2009, kienet sehhet habta u cioe’ *hit and run* gewwa Triq il-Kappella, San Gwann, li fiha kienu nvoluti erba (4) vetturi numri tar-registrazzjoni

- ABQ-326 ta’ ghamla Land Rover mudell Discovery;
- BBQ-086 ta’ ghamla Toyota mudell Vitz;
- BAC-504 ta’ ghamla Morris Marina;
- HAS-546 ta’ ghamla Toyota mudell Hilux.

Illi minn stharrig intensiv ulterjuri rrizulta li f’dan l-incident is-sewwieq tal-vettura bin-numru ta` registrazzjoni HAS-546 ta` ghamla Toyota Hilux tilef il-kontroll u bhala konsegwenza baqa’ diehel fil-Land Rover li kienet ipparkjata. Id-daqqa kienet tant vjolenti li l-istess vettura mxiet u laqtet vettura ohra li kienet ipparkjata quddiemha u cioe` it-Toyota Vitz. Din minn naha taghha mxiet ukoll il-quddiem u laqtet il-vettura ta’ quddiemha li kienet il-Morris Marina. Wara li sehh dan l-incident, is-sewwieq tat-Toyota Hilux u cioe` Kevin Tanti qabad u telaq minn fuq il-post minghajr ma rrapporta l-incident.

Peress li l-vettura Toyota Hilux numru HAS-546 kienet registrata fuq Alison Debono, l-imsemmi sewwieq Kevin Tanti ra kif kien ser jirranga l-vettura. Ghaldaqstant peress li l-ispiza kienet ser tkun sostanzjali, haseb sabiex idahhal l-ispejjez billi jgibhom minghand kumpanija tal-assigurazzjoni. Mill-investigazzjonijiet kondotti irrizulta illi l-imsemmi Kevin Tanti iltaqa ma’ l-imputat Gaetano Farrugia gewwa ta’ Giorni. Hemm ftehmu illi kellhom jaghmlu rapport falz lill-kumpanija tal-assigurazzjoni sabiex Tanti jkun jista jiehu l-flus tal-hsarat. Huma ftehmu wkoll illi Tanti kellu jhallas lil Farrugia tal-involviment tieghu. Illi wara li ftehmu fuq l-ammont li Tanti kellu jghaddi lil Farrugia huma mlew il-formula *front to rear* u ffirmawha.

Ghaldaqstant fit-tnax (12) ta' Novembru 2009, l-imputat Gaetano Farrugia ghamel *claim* ghand il-kumpanija assiguratrici tieghu u cioe` Citadel Insurance. Fil-formula gie mnizzel illi Gaetano Farrugia kien allegatament hiereg minn gewwa l-garaxx tieghu li ghandu gewwa Triq il-Gandlora, Zebbug u hemm kienet ghaddejja l-vettura ta' ghamla Toyota Hilux li habtet go fiha.

**Ikkunsidrat;**

Illi wara li qieset dettaljatament ir-rizultanzi processwali, din il-Qorti hi tal-fehema illi l-allegazzjonijiet tal-prosekuzzjoni u cioe` li mhux veru li kien hemm incident bejn il-vetturi ta` l-imputat u dik ta` Kevin Tanti, li iz-zewg persuni ftehemu biex filwaqt li Kevin Tanti jirkupra l-flus mill-kumpanija ta` l-assigurazzjoni, l-imputat jigi kkumpensat finanzjarjament talli jaghmel il-*claim*, li d-dokumenti tal-*claim* saru mill-imputat, u li din l-istorja kollha giet ivvintata miz-zewg persuni hawn imsemmija sabiex jaghmlu gwadann mhux misthoqq, huma issa mhux aktar allegazzjonijiet, izda fatti ippruvati u m'ghandhomx ikunu in diskussjoni.

It-tezi tal-prosekuzzjoni hi li allura, la darba l-imputat dahal f'dan il-ftehim ma Kevin Tanti, issottometta *claim* ma l-kumpanija ta` l-assikurazzjoni, w ircieva kumpens minghad l-istess Kevin Tanti, gie li kellu jingieb il-Qorti biex jirrispondi ghall-imputazzjonijiet odjerni. Bl-akbar rispett lejn l-isforzi tal-prosekuzzjoni, din il-Qorti ma taqbilx ma din it-tezi, almenu *in parte*.

Dak li irrizulta ampjament hu li l-imputat mhux veru kellu incident ma Kevin Tanti, izda ftiehem ma l-istess Kevin Tanti biex jaghmel *claim* biex b'hekk Kevin Tanti jithallas mill-assikurazzjoni u l-imputat jircievi kumpens. Hazin kemm hu hazin moralment l-atteggjament u l-involviment ta` l-imputat f'dak kollu li sehh u li a bazi tieghu inbdew dawn il-proceduri, ma jfissirx li necessarjament dan jammonta ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti. Ghalkemm hemm definittivament element ta` hazen fl-operat ta` l-imputat, fil-fehema ta` din il-Qorti, tali hazen ma kienx tali li kellu jgibu passabbli ghar-reati kollha addebitati.

B’referenza ghall-ewwel imputazzjoni migjuba taht il-paragrafu (1), dik ta` tentattiv ta` qliegh b’qerq (ara Artikoli 41, 309, 310(1)(a) Kap 9), jista jinghad minghajr tlaqlieq li l-imputat wera dan il-hsieb b’atti esterni – mela l-formola *front to rear* u ghadda l-*claim* lill-assikurazzjoni u hallas l-*access*. Gara izda li l-imputat qatt ma mar jiffirma tali *claim* u konsegwentement tali *claim* qatt ma setghet, fin-nuqqas tal-firma ta` l-imputat, tibda biex tigi processata (ara depozizzjoni ta` Tonio Montesin *a folio* 66 *et sequitur*). Dan ifisser legalment li l-atti kollha maghmulha mill-imputat baqghu fl-isfera ta` atti preparatorji u l-kaz kollu kien nieqes minn dak l-att (il-firma fuq il-*claim form*) wiehed li kien jitqies bhala l-bidu ta` l-esekuzzjoni tar-reat. U ghalhekk din l-imputazzjoni ma tirrizultax.

B’referenza ghat-tieni imputazzjoni migjuba taht il-paragrafu (2), dik ta` frodi dwar sigurta` (ara Artikolu 295 Kap 9), jista jinghad minghajr tlaqlieq li l-imputat effettivament immanifesta l-hsieb tieghu li jkseb ghalieh jew ghal haddiehor il-hlas ta` flus minghad l-assikurazzjoni. Izda minn imkien fl-atti ma jirrizulta li huwa ghamel xi haga biex “…. jiddistruggi, ixerred ‘l hawn u ‘l hemm jew jgharraq b’xi mezz li jkun, hwejjeg tieghu ….”. L-imputat, fl-ebda hin ma ikkawza hsara fuq il-vettura tieghu b’rabta ma dan il-kaz. Il-hsara li kellu kienet hemm qabel u ma kienet bl-ebda mod konnessa mal-fatti ta` dan il-kaz in ezami. U ghalhekk din l-imputazzjoni ukoll ma tirrizultax.

B’referenza ghat-tielet imputazzjoni migjuba taht il-paragrafu (3), dik ta` dikjarazzjoni falza jew taghrif falz lil awtorita` pubblika (ara Artikolu 188 Kap 9), jigi osservat li saret il-prova li l-imputat, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, xjentement ghamel jew ta taghrif falz (ara per ezempju l-kontenut tal-formola *front to rear*) f’dokument, liema dokument ma kienx intiz ghal xi awtorita` pubblika. Effettivament id-dokument tal-*front to rear* kien intiz ghas-socjeta` assikuratrici, awtorita` mhux pubblika. Ma ghadhiex ragun id-difiza meta tghid li l-imputat ghandu jigi liberat minn din l-imputazzjoni kif migjuba kontra l-imputat peress li ssostni li l-prosekuzzjoni llimitat ruhha ghall-Artikolu 188(1). L-Artikolu 188 huwa wiehed indivizibbli. Id-differenza bejn is-subinciz (1) u s-subinciz (2) hi kwistjoni ta` kwalifika tad-dokument u cioe jekk tali dokument kienx intiz jew le ghal xi awtorita` pubblika. Dan ifisser allura li ghalkemm l-imputat ma jistax jinstab hati taht l-Artikolu 188(1), ghandu pero u legittimament jinstab hati taht l-Artikolu 188(2) tal-Kap 9.

B'referenza ghar-raba imputazzjoni migjuba taht il-paragrafu (4), dik ta` spergur f'kawzi kriminali ohra (ara Artikolu 105 Kap 9), jigi osservat li l-uniku zewg depozizzjonijiet li hemm fl-atti li ta l-imputat kienu dawk li huwa rrilaxxja quddiem il-perit tekniku Mario Buttigieg fi stadju ta` inkjesta. Stadju li allura ma hemmx il-figura ta` persuna imputata jew akkuzata. In oltre, l-istadju ta` inkjesta ma huwx procedura kriminali izda huwa stadju ta` investigazzjoni kriminali. Dan ir-reat addebitat huwa allura insostenibbli f'dan il-kaz u skond il-provi prodotti.

**Konkluzjoni;**

**Ghall-motivi premessi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41, 105, 188(1)(2), 295, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta issib u tiddikjara lil Gaetano Farrugia mhux hati ta` l-ewwel (1), tat-tieni (2) u tar-raba (4) imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u minnhom tilliberah skond il-ligi**; **issibu pero hati taht it-tielet (3) imputazzjoni u partikolarment l-Artikolu 188(2), u tikkundannah ghall-piena ta` prigunerija ta` sitt (6) xhur izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` tlett snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija**.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Gaetano Farrugia, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------